

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9706/26
PV CONS 32
AGRI 418
PECHE 195
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
26 ta' Mejju 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9141/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

9493/26 + COR 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet dwar dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Attivitajiet mhux leġislattivi

AGRIKOLTURA

3. Id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti fl-UE – Appoġġ lill-bdiewa u promozzjoni ta' sistemi tal-ikel reżiljenti

 8756/26

Skambju ta' fehmiet

Il-punt 3 ġie indirizzat flimkien mal-punt 5(a).

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet u ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-pjan ta' azzjoni tagħha dwar il-fertilizzanti.

4. Kwistjonijiet agrikoli relatati mal-kummerċ *Informazzjoni mill-Kummissjoni* *Skambju ta' fehmiet*

9396/26

Affarijiet oħra

5. Agrikoltura

a) **Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Fertilizzanti: Sħubija biex jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-awtonomija strateġika fil-fertilizzanti tal-UE mkabbra lokalment** *Informazzjoni mill-Kummissjoni*

 9437/26 + ADD 1

Il-punt 5(a) ġie indirizzat flimkien mal-punt 3.

- b) **Laqgħa tad-Diretturi tal-Politika Agrikola Komuni (Ċipru, 28-30 ta' April 2026)**  9310/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- c) **Sitwazzjoni bla preċedent fl-agrikoltura Slovakka kkawżata minn nixfa estrema**  9301/26
Informazzjoni mis-Slovakkja
Informazzjoni mis-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- d) **L-agrikoltura tal-UE taħt pressjoni massiva – l-UE trid tieħu azzjoni**  9389/26
Informazzjoni mill-Awstrija, Franza u l-Italja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, Franza u l-Italja, u appoġġata mill-Bulgarija, il-Kroazja, il-Finlandja, il-Greċja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja. Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

- e) **Klassifikazzjoni tas-sojja skont il-metodoloġija tal-ILUC: L-iżgurar tal-koerenza tal-politiki tal-UE u s-salvagwardja tal-produzzjoni domestika tal-proteini**  9325/26
Informazzjoni mill-Awstrija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, appoġġata mill-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija. Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

- f) **Sitwazzjoni diffiċli kontinwa fis-settur tal-ħalib Litwan**  9300/26
Informazzjoni mil-Litwanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Litwanja u tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

- g) **Talba għall-introduzzjoni ta' deroga mir-regola N+2 skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali għall-perjodu 2023–2027**  9236/26
Informazzjoni mill-Bulgarija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, appoġġata miċ-Ċekja, il-Greċja, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- h) **Nevitaw id-duplikazzjoni ta' kriterji u indikaturi u l-introduzzjoni ta' limiti jew firxiet għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti**  9263/26
Informazzjoni mill-Iżvezja, l-Awstrija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja u s-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja, f'isem l-Awstrija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, is-Slovenja u l-Iżvezja, u appoġġata miċ-Ċekja, l-Estonja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

- i) **Laqgħa tad-Diretturi Ġenerali għall-Foresti (Paphos, 27-29 ta' April 2026)**  8859/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

Sajd

j) Sejħa għal Approċċ Konġunt biex Jindirizza l-Impatti ta' Predaturi li jieklu l-Ħut, b'mod partikolari l-Margun

 9449/1/26 REV 1

Informazzjoni miċ-Ċekja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja , appoġġata mill-Estonja, il-Finlandja, il-Kroazja il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Iżvezja. Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
